**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 71/2015**

**Illum: 27 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**David (David-Norbert) Schembri**
**(ID 369676(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat David (David-Norbert) Schembri ta' 35 sena, imwieled il-Pieta` fil-15 ta' Settembru 1975, bin Antonio u Evangelista nee` Micallef, preżentement residenti fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 369676(M);

Akkużat talli fis-sena 2009 u ż-żmien ta' qabel, bħala priġunier fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, Paola:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-

liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew kien xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta mal-imputat bħala wieħed li sar reċediv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, kif ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-aħħar seduta tal-15 ta' Ottubru 2018, id-difiża eċċepiet <u>il-preskrizzjoni</u> fir-rigward tal-imputazzjonijiet odjerni. Skont id-difiża u kif jirriżulta mill-verbal tal-istess seduta, il-preskrizzjoni dwar l-azzjoni għar-reati odjerni hija dik ta' ħames snin u illi la darba l-każ odjern jirreferi għas-sena 2009 u ż-żmien ta' qabel u ċ-

ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Marzu 2015, anke dak iż-żmien, l-azzjoni kienet diġa` preskritta.
Da parti tagħha, il-Prosekuzzjoni wieġbet illi l-Pulizija Eżekuttiva saret taf b'dan il-każ fil-15 ta' Ġunju 2010, meta l-imputat minn jeddu, mar ikellem lis-Supretendent Fenech, dak iż-żmien Spettur u dan skont il-Prosekuzzjoni, kif jirriżulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat, liema stqarrija fil-fatt iġġib id-data tal-15 ta' Ġunju 2010. Għalhekk il-Prosekuzzjoni tikkontendi illi l-perjodu preskrittiv għandu jiddekorri mill-15 ta' Ġunju 2010. Il-Prosekuzzjoni żiedet ukoll madankollu illi l-ewwel riferta tan-notifika tal-imputat li kellha disponibbli kienet dik imqassma fl-24 ta' Settembru 2015, liema riferta tinsab esebita a fol. 61A tal-proċess.

**Ikkunsidrat ukoll**:

Jirriżulta mill-atti illi l-imputazzjonijiet odjerni, li jikkontemplaw ir-reat ta' pussess 'sempliċi' ta' drogi eroina u kokaina, jirreferu għas-sena 2009 u ż-żmien ta' qabel. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-Ispettur (illum Supretendent) Johann J. Fenech f'dawn il-proċeduri[1] illi dan il-każ jinkorpora żewġ każijiet maqgħuda mill-Prosekuzzjoni f'kawża waħda ossia 1) każ li seħħ nhar it-23 ta' Frar 2009 ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, f'liema jum allegatament instabu ħamest iqratas – wieħed bi trab safrani u erbgħa bi traċċi ta' trab kannella – ġewwa ċ-ċella numru 14 fid-Diviżjoni 1, allegatament okkupata mill-imputat odjern; u 2) każ ieħor tal-15 ta' Ġunju 2010, f'liema jum, minn jeddu l-imputat odjern irrilaxxja stqarrija lill-istess Spettur Johann J. Fenech u ndikalu l-persuna li mingħandha kien ilu sa mis-sena 2004 jixtri d-drogi eroina u kokaina ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.

Dwar l-ewwel każ, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-12 ta' Mejju 2011 u dwar it-tieni każ, huwa rrilaxxja stqarrija dakinhar stess tal-15 ta' Ġunju 2010, liema stqarrija sussegwentement ġiet ikkonfermatha minnu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti nhar is-16 ta' Ġunju 2010.

Kif tajjeb ingħad mid-difiża, iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar id-9 ta' Marzu 2015 u l-ewwel smiegħ seħħ quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Novembru 2015, f'liema seduta deher l-imputat sprovvist mill-avukat tiegħu u wieġeb li mhuwiex ħati tal-imputazzjonijiet odjerni.

[1] Ara a fol. 14 sa 23 tal-proċess.

Il-piena għar-reati odjerni hija dik stabbilita fl-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ossia priġunerija għal żmien mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux inqas minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn €465.87 iżda mhux iżjed minn €2329.37, jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

In oltre stante illi fiż-żmien tal-allegati reati, l-imputat kien detenut ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, il-piena tiżdied bi grad jew tnejn, fit-termini tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk, f'dan il-każ, il-piena għar-reati msemmija tista' tiżdied sa massimu ta' sentejn priġunerija, kemm il-darba ssir iż-żieda b'żewġ gradi.

Għalkemm l-imputat qed jiġi addebitat ukoll bir-reċidiva, skont l-Artikolu 689 tal-Kap. 9: "*Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett ... lanqas ma għandhu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva*".

Il-perjodu preskrittiv għar-reati addebitati lill-imputat għalhekk huwa ta' ħames snin, skont l-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ċertament illi in kwantu l-każ jirrigwarda s-sejba tat-23 ta' Frar 2009, il-perjodu preskrittiv kien diġa` għadda sad-data li fiha ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet esebita fir-Reġistru tal-Qorti u ċioe` sad-9 ta' Marzu 2015.

In kwantu l-każ li fih kien l-imputat stess li rrappurta lill-Pulizija illi huwa kien jixtri d-drogi in kwistjoni fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin – u hawn l-imputazzjonijiet kif ingħad ukoll jirreferu għas-sena 2009 u ż-żmien ta' qabel – il-Prosekuzzjoni ssostni illi hija saret taf b'dawn ir-reati fil-15 ta' Ġunju 2010, u li għalhekk il-perjodu tal-preskrizzjoni għandu jibda jiddekorri minn din id-data, għalkemm sussegwentement tgħid ukoll illi fi kwalunkwe każ diġa` kienu għaddew iżjed minn ħames snin sad-data tal-ewwel notifika tal-imputat biċ-ċitazzjoni odjerna, li skont il-Prosekuzzjoni kienet dik tal-24 ta' Settembru 2015.

Għal fini ta' kompletezza u korrettezza madankollu, il-Qorti tqis illi mhijiex korretta l-Prosekuzzjoni meta ssostni illi l-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jimxi meta jiġi mikxuf ir-reat.

L-Artikolu 692 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

"*Iż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitt ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf*".

Dwar dan il-punt fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Ottubru 2015, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Cilia</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"7. L-appellant, pero`, iqajjem ukoll l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni peress illi jsostni illi s-serraturi kien biddilhom xi erba' snin qabel ma martu għamlet il-kwerela. Din l-eċċezzjoni tqajmet ukoll quddiem l-ewwel Qorti li ddisponiet minnha kif ġej:*

*"Il-Qorti qieset x'qalu ż-żewġ protagonisti. L-imputat qed jgħid li bidel is-sellaturi erba' snin ilu; martu qed tgħid li hija ndunat b'dan il-bdil ftit qabel il-Milied (tas-sena 2012) u għalkemm ma tiftakarx eżatt meta kienet l-aħħar darba li aċċediet għall-ħwienet in kwistjoni, tistqarr li żgur mhux xhur kbar qabel ma ndunat bil-bdil. Fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tal-komportament tal-partijiet fuq il-pedana, din il-Qorti hi inklinata li temmen il-verżjoni ta' Margaret Cilia. U anki kieku seħħ dak li qed jgħid l-imputat li huwa bidel is-sellaturi erba' snin ilu, il-fatt li sal-Milied 2012 ir-'reat' kien għadu mhux magħruf, ifisser legalment illi l'ħati' ma kienx magħruf ukoll u konsegwentement f'dan ix-xenarju jiskatta d-dispost ta' l-artikolu 692 tal-Kap. 9. Għalhekk, bl-akbar rispett lejn id-difiża, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qed tiġi respinta."*

*8. Din il-Qorti tgħid fl-ewwel lok li ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti ta' l-artikolu 692 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tiegħu dwar il-Proċedura Kriminali, meta qiegħed jiddiskuti il-kawżi ta' sospensjoni tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 691(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2], jgħid:*

***"Besides these two cases our law knows no other cause of suspension of the prescription of the criminal action. It does not, for instance, recognise as such a cause any impediment of fact as, e.g. the illness or insanity of the accused, or the fact that the offender has absconded or is away from these Islands; <u>or that the commission of the offence is not noticed for some time</u>.***

[2] Hawnhekk il-Qorti għamlet referenza għal dak li jgħid l-artikolu 691(2) tal-Kap. 9 ossia illi "*Jekk l-azzjoni kriminali ma tkunx tista' tinġieb 'il quddiem jew ma tkunx tista' titkompla ħlief wara awtorizzazzjoni speċjali jew d-deċiżjoni ta' kwistjoni miġjuba f'kawża oħra għaliha, il-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni jieqaf, u jerġa' jibda jieħu l-kors tiegħu minn dak in-nhar li fih tingħata l-awtorizzazzjoni jew li tinqata l-kwistjoni.*"

***"<u>It is only, as we have said, when it is not known who the offender is – though the offence is known to have been committed – that in the case of crimes our law provides that prescription shall not run</u>"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*[3]

*9. Konsegwentement ma kinitx korretta l-ewwel Qorti meta qalet li ġaladarba r-'reat' kien għadu mhux magħruf, ifisser legalment illi l-'ħati' ma kienx magħruf.*"

Għaldaqstant, huwa ċar illi m'hijiex korretta l-Prosekuzzjoni meta tgħid illi l-preskrizzjoni tibda tgħaddi minn dakinhar li jiġi mikxuf ir-reat għaliex effettivament, anke jekk ir-reat ma jkunx magħruf, il-preskrizzjoni tibda għaddejja u huwa biss meta l-ħati ma jkunx magħruf, għalkemm ir-reat ikun inkixef, illi t-terminu tal-preskrizzjoni ma jibdiex jimxi.

Huwa evidenti għalhekk illi f'dan il-każ, minkejja illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar il-15 ta' Ġunju 2010 u kien dakinhar li ġie mikxuf ir-reat, il-preskrizzjoni bdiet tiddekkorri minn dakinhar tar-reat ossia f'dan il-każ fis-sena 2009 u fiż-żmien ta' qabel u mhux mill-jum li fih inkixef. Dan ifisser illi sal-jum tal-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna, l-azzjoni kienet diġa` preskritta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat preskritta a tenur tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 u konsegwentement, tillibera lill-istess imputat minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm <u>fi żmien ġimgħa mil-lum</u>, l-Uffiċjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa neċessarju illi din id-droga tiġi preżervata għal skop ta' xi proċeduri oħrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-każ, ir-Reġistratur għandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun ġiet hekk distrutta.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[3] Hawnhekk il-Qorti għamlet referenza għal dak li jgħid l-artikolu 692 tal-Kap. 9.